XEWKIJA

***MINUTI***
***KUNSILL LOKALI XEWKIJA***
***LAQGĦA NRU 430***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 58***
***Il-Ġimgħa 30 ta' Settembru, 2011***

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.00pm.*

| | |
|---|---|
| *Preżenti:* | *Dr. Monica Vella - Sindku*<br>*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*<br>*Dr. Marthese Portelli*<br>*Mr Hubert Saliba* |
| *Skużat:* | *Mr. Teddy Mizzi* |
| *Uffiċjali:* | *Mr. Ruben Cassar* |

*Intqalet it-talba.*

*Peress li kien hawn residenti preżenti biex jitkelmu mal-Kunsill dwar xi problemi, il-Kunsill qabel li l-Minuti jiġu approvati aktar tard.*

**1. Problema dwar bank li tneħħa minn Triq Sant'Indrija**

F'dan il-ħin preżenti għal-laqgħa kien hawn Doris Vella u Rosa Haber li joqgħodu fi Triq Sant'Indrija. Fl-aħħar laqgħa kien ġie diskuss l-istess suġġett fil-preżenza tagħhom ukoll. Kien sar suġġeriment li l-bank jeħel ftit 'l isfel minn fejn kien u jeħel b'tali mod li min ipoġġi fuqu ma jkunx iħares lejn faċċata ta' ħadd. Doris u Rosa nfurmaw lill-Kunsill li ma jaqblux ma' din il-proposta u huma qed jipproponu li flokk bank wieħed jeħlu tnejn peress li hemm wisa' biżżejjed. Dawn jeħlu n-naħa t'isfel u b'hekk ma jkunux faċċata eżatt tad-dar ta' Angela Spiteri (residenta li kienet ilmentat dwar il-bank u għalhekk kien tneħħa). Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jeħlu żewġ bankijiet. Il-Kunsill qabel li għandna mmorru fuq il-post biex naraw fejn l-aħjar li jista' jeħel dan il-bank mingħajr ma jkun ta' nkonvenjent għal ħadd.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 429**

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numri 429 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**3. Offerta dwar Stallazzjoni ta' Pannelli Fotovoltaiċi**

Fil-kaxxa tal-offerti sal-ħin tal-egħluq tal-offerta dwar stallazzjoni ta' pannelli fotovoltaiċi kienu ntefgħu ħames offerti. Dawn huma ta' Solar Engineering Ltd (Option 1 - €9950.00 u Option 2 €8950.00), Gozo Solar Energy (€9827.85), Bajada New Energy (€8761.00), Panta Marketing & Services Ltd (€9057.00) u Alberta Fire And Security (€9136.48). Il-Kunsill

qabel li għandna nitolbu lill-Ing. Jonathan Scerri (Econing Eng. Consultancy) sabiex jagħmel rapport dettaljat dwar dawn l-offerti u jagħti l-parir tiegħu dwar liema hija l-aktar offerta vantaġġjuża.

**4. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-45**

**5. Jum ix-Xewkija**

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dwar l-attivitajiet li għandhom jiġu organizzati fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li l-attivita prinċipali ssir nhar is-Sibt 26 ta' Novembru filwaqt li l-quddiesa ssir nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru filgħodu.

M'Angelo Camilleri minn Banda Prekursur bagħat email fejn talab informazzjoni dwar il-programm ta' Jum ix-Xewkija u b'hekk huma jkunu jistgħu jippreparaw ukoll. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din is-sena flokk ma jsir programm mill-Banda Prekursur, għandu jsir programm qasir mill-allievi tal-istess banda u wara (waqt ir-riċeviment) il-banda tesegwixxi mużika kontemporanja.

Il-Kunsill qabel li kif sar fl-aħħar snin għandhom jiġu organizzati l-kompetizzjonijiet tal-komponimenti għat-tfal. Ser terġa' issir il-kampanja Il-Ktieb Teżor kif ukoll il-wirja tal-għasafar. Il-Kunsill Hubert Saliba qal li l-wirja tal-għasafar ser issir fil-11-13 ta' Novembru. Is-Sindku pproponiet sabiex din is-sena l-inviti għal Jum ix-Xewkija jintbgħatu personalizzati. Is-Sindku pproponiet sabiex għal waqt l-attivita' nqabbdu persuna tieħu ħsieb tmexxi l-attivita (usher).

Il-Kunsill qabel li għal darb'oħra norganizzaw il-Premju Ġieħ ix-Xewkija. Dwar il-wirja tal-arti, is-Sindku u l-Kunsillier Hubert Saliba pproponew li noħorġu avviżi biex artisti lokali jikkompetu billi jdaħħlu biċċa arti għall-esibizzjoni. Il-Kunsill qabel dwar din il-proposta.

**6. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Il-Malta Library and Information Association (MaLIA) infurmat lill-Kunsill dwar kors li ser isir għal-librara ta' Għawdex, liema kors ser isir f'Għawdex stess. Biex il-librara tkun tista' tattendi għal dan il-kors irid isir ħlas ta' €60. Il-Kunsill qabel li nħallsu €60 biex il-librara tax-Xewkija, Monica Mercieca, tkun tista' tattendi.

ii. Ian Paul Bajada, Segretarju tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex, informa lill-Kunsilli Lokali dwar żjara li ser issir mis-Sindki u Viċi Sindki fi Brussels. Is-Sindku u l-Viċi Sindku nfurmaw lill-Kunsill li huma nteressati li jattendu. Il-Kunsill qabel li l-ispejjeż involuti dwar l-akkomodazzjoni għandhom jitħallsu mill-Kunsill. Il-European Parliament ser ikun qed jiffinanzja l-ispejjez dwar il-biljett tal-ajru.

iii. Transport Malta approvaw li jsiru sinjali sofor fi Triq San Pawl kantuniera ma' Triq San Zakkarija, sinjali sofor fi Triq Majmuna kantuniera ma' Triq Mgarr, sinjali sofor faċċata ta' garaxx ta' John Azzopardi fi Triq il-Kbira, sinjali sofor faċċata ta' garaxxijiet ta' Francis Rapa u Mariella Xuereb u biex teħel mera tat-traffiku fi Triq Ħamrija faċċata tal-post 'Saphire'. Dawn kienu kollha proposti tat-traffiku li saru mill-

Kunsill. Ix-xogħlijiet meħtieġa ser isiru minn Transport Malta. Proposta oħra tat-traffiku kienet dwar biex isiru sinjali sofor fi Triq Ħamrija quddiem il-bieb tal-flats ta' Carmel Cauchi. Transport Malta ma approvatx din il-proposta. Proposta oħra li ma ġietx approvata minn Transport Malta hija biex teħel mera tat-traffiku fi Triq Sant'Indrija faċċata ta' Triq is-Salib. Din ma ġietx approvata għar-raġuni li m'hemmx fejn tista' teħel il-mera tat-traffiku peress li hemm garaxx u bieb faċċata eżatt ta' Triq is-Salib. Proposta oħra kienet dwar biex isiru sinjali sofor jew 'Keep Clear' fi Triq Ċanga quddiem il-post ta' Rita Grima. Dwar din il-proposta Transport Malta nfurmaw lill-Kunsill li biex din il-proposta tkun tista' tiġi proċessata, Rita Grima għandha tippreżenta ċertifikat minn għand tabib. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lil Rita dwar dan u b'hekk meta tippreżenta ċ-ċertifikat mediku, it-talba tagħha biex isiru sinjali sofor tkun tista' tiġi proċessata.

iv. Maria Lourdes Farrugia nfurmat lill-Kunsilli Lokali t'Għawdex dwar problema ta' trasport għall-istudenti li jattendu l-iskejjel sekondarji tal-Knisja. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li din il-problema se tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kumitat Reġjonali Għal Għawdex.

v. Permezz ta' email, Joe Grech ippropona sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jneħħi l-parkeġġ li hemm fil-pjazza u jitħalla biss parkeġġ għall-minibuses. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment u għalhekk Joe Grech se jiġi nfurmat dwar dan. Il-Kunsill qabel li għandu jkun hemm aktar infurzar biex il-vetturi jipparkjaw biss fil-kaxxi tal-parkeġġ.

vi. Memo 87/2011 tittratta dwar skema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali. Il-Kunsill iddiskuta dwar liema proġett jista' japplika taħt din l-iskema. Is-Sindku pproponiet li napplikaw dwar ix-xogħlijiet li jridu jsiru dwar il-latrina pubblika tal-pjazza. Dan għar-raġuni li l-Kunsill dalwaqt ikollu l-permessi tal-Mepa u għalhekk ix-xogħol ikun jista' jibda fi żmien qasir. Il-Kunsill qabel li jekk ma jsirux proposti oħra, għandna nipproċessaw bl-applikazzjoni.

vii. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienet għaddiet diversi korrispondenza permezz ta' emails dwar il-proċess biex tiġi mpjegata persuna b'diżabilta mal-Kunsill taħt l-iskema speċjali imsemmija f'Memo 58/2011. Il-persuna nominita, li huwa Joseph Borg, se jibda jaħdem mal-Kunsill minn nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru.

viii. Memo 66/2011 titratta dwar skema speċjali għal titjib fil-playing fields. Din il-memo kienet ġiet diskussa f'laqgħa preċedenti. Il-Kunsill qabel li napplikaw titjieb fil-playing fields kollha u anke biex jinxtara apparat ġdid (Outdoor Fitness Machines) biex jiġi nstallat fi Ġnien il-Ħaddiem. Il-Kunsill qabel ukoll biex fil-playing fields kollha jiġu nstallati bandli adattati għall-persuni b'diżabilita.

ix. Il-Kunsill irċieva stima dwar tabelli tat-traffiku li jindikaw li sid il-kelb għandu jnaddaf jekk il-kelb ikun ħammeġ. L-istima hija ta' Refalo Signs (€75 jew €81-jekk reflective – VAT eskluż). Il-Kunsill qabel li għandna niġbru aktar stimi dwar dawn it-tabelli. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li kellha diversi ilmenti dwar ħmieġ ta' klieb fi Vjal il-Labour fejn Ġnien il-Ħaddiem u għalhekk kienet qed tiġbor dawn il-kwotazzjonijiet biex jeħlu madwar disa' tabelli madwar il-ġnien imsemmi.

x. Memo 90/2011 titratta dwar inizjattivi sportivi. Il-Kunsill qabel li kif sar dawn l-aħħar sentejn għandna napplikaw biex inkomplu norganizzaw korsijiet fl-Aerobics, General Fitness, Pilates u School on the Move.

xi. Memo 89/2011 titratta dwar attivitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund. Is-Sindku pproponiet li nistiednu lill-President ta' Malta biex jattendi għal Quddiesa li ssir fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija u wara ssir mixja fejn anke jinġabru fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

xii. Dr Vivienne Kruger irringrazzjat lis-Sindku tal-koperazzjoni dwar il-problema li kellha meta kienet se titlaq minn Għawdex. Hija talbet sabiex il-korrispondenza tintbagħat ukoll lill-Pulizija u b'hekk ikunu jistgħu jittieħdu l-passi meħtieġa. Il-Kunsill qabel li għandna ngħaddu l-korrispondenza (emails) lis-Supretendent Martin Sammut għall-informazzjoni tiegħu.

xiii. Josette Camilleri mill-Aġenzija taż-Żgħażagħ nfurmat lill-Kunsill dwar il-program Empower. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru proposti biex nieħdu sehem f'dan il-program.

xiv. Permezz ta' email is-Segretarju Eżekuttiv kien informa lill-Kunsill li huwa se jkun trasferit u għalhekk il-Kunsill għandu jibda l-proċedura biex jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid. Il-Kunsill qabel li għandu jara l-lista ta' Segretarji Eżekuttivi prospettivi u wara jibda l-proċess tal-għażla.

xv. Marica Axiaq mid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali reġgħet fakkret lis-Sindku biex tiffirma l-PMP tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv li kienet se tiffirma l-PMP aktar tard.

## 7. Materja oħra

i. Benny Gatt ippropona lill-Kunsill sabiex fi Triq San Bert isiru marki tal-parkeġġ. Il-Kunsill qabel li għandna mmorru fuq il-post biex naraw x'inhu l-aħjar li jsir.

ii. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu organizzati l-korsijiet dwar attivitajiet sportivi. Mary Louise Bajada staqsiet lill-Kunsill jekk hux ser isiru korsijiet dwar bizzilla u embroidery matul ix-xhur tax-xitwa. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu organizzati fis-sajf.

iii. Joseph Mercieca ta' 15, Triq is-Salib, ix-Xewkija, talab biex jeħel bank quddiem il-post tiegħu. Peress li diġa hemm bank ieħor fil-viċin, il-Kunsill ma qabilx li għandu jeħel dan il-bank.

iv. Michael Attard li joqgħod fi Triq tal-Kanal Nru 10, talab li l-bankina tiegħu ssir mill-ġdid peress li huwa kien għamel xi alterazzjonijiet fil-post tiegħu. Bit-tibdil li għamel il-garaxx sar naħa oħra u għalhekk il-bankina trid titranġa. Il-Kunsill qabel li lil Michael Attard nagħtuh il-materjal li għandu bżonn biex jagħmel ix-xogħol meħtieġ. Jekk huwa ma jistax jagħmel ix-xogħol hu, dan isir meta jsiru l-bankini kollha li hemm pendenti.

v. Is-Sindku pproponiet sabiex noħorġu avviż dwar il-ġbir ta' skart peress li f'ħafna nħawi fejn hemm appartamenti li jkunu mikrija (bħal farmhouses) qed ikun hemm min joħroġ l-iskart fi ġranet u ħinijiet li ma jinġabarx l-iskart. Għalhekk il-Kunsill qabel ukoll li nagħmlu tabelli biex is-sidien ta' dawn l-appartamenti jagħmluhom fl-appartament tagħhom u b'hekk kulħadd ikun infurmat x'ħin isir il-ġbir tal-iskart.

vi. John Camilleri ta' Triq Mgarr informa lill-Kunsill li fl-inħawi Ta' Lambert sar tfigħ ta' skart. Is-Sindku pproponiet li mmorru naraw x'hemm eżatt u jekk ikun hemm bżonn niġbru stima biex l-iskart li ntefa' jinġabar.

vii. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li fi Triq Sant Elizabetta (fejn ta' Toolmart) hemm il-bankina li nkisret ftit u hija perikoluża. Il-Kunsill qabel li nibgħatu lill-ħaddiema tal-Kunsill biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ.

viii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li waqt li l-kuntrattur kien għaddej bix-xogħol ta' servizz tal-ilma fi Triq Indri Borg kien hemm resident, Francis Rapa, li ma ħallihx ikompli għax qal li t-triq se tidjieq. Is-Sindku qalet li għamlet rapport l-għassa u ġie l-Pulizija u s-Surġent. Francis Rapa ma ridx iwarrab u għalhekk il-kuntrattur ma setax ikompli bix-xogħol. Wara ħafna ħin, fejn Francis Rapa anke hedded lis-Sindku u ħareġ b'pala tal-ħadid, hu ried iċempel lill-Avukat tiegħu. Wara li tkellem mal-Avukat tiegħu, Francis Rapa warrab minn fuq il-post u għalhekk ix-xogħol seta' jitkompla. Francis Rapa qal li quddiem tiegħu ma jridx li t-triq issir bit-tarmak.

Il-laqgħa spiċċat fid-8.50pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Ġimgħa 28 ta' Ottubru, 2011 fis-6.00pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku